Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 327/2016

Il-Pulizja

Spettur Kylie Borg

Vs

Leonardo Balzan

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Leonardo Balzan detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 628058 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-24 ta' Lulju 2013, ghall-habta tad-09:00 hrs gewwa l-impjant Polidano Group li jinsab f' Hal Farrug limiti tas-Siggiewi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Vincenzo Micallef f' periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi li tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f' parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta' Vincenzo Micallef mill-Pieta` liema griehi gew iccertifikati verbalment bhala gravi u perdurata u li tista' iggib il-mewt, minn Dr Michael Spiteri MD (2666) tabib tal-emergenza gewwa l-Isptar Mater Dei.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Gunju, 2016, fejn il-Qorti sabet lill-imputat Leonardo Balzan hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u wara li rat l-Artikoli 214, 215,

216 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal hmistax-il (15) xahar. Inoltre` u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali tal-inkjesta mertu ta' dawn il-proceduri ghas-somma ta' elf u disgha u sebghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,079.81) li ghandhom jithallsu fi zmien sena mill-lum. Fin-nuqqas ta' hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Leonardo Balzan, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell **billi THASSAR, TANNULLA u TIRREVOKA s**-sentenza appellata fejn sabet lil appellant hati ta' l-unika imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u minflok **TIDDIKJARAH** mhux hati taghha u konsegwentement **TILLIBERAH** minnha; jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Leonardo Balzan huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

## A. **<u>Apprezzament Zbaljat tal-Provi</u>**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u dan fl-ewwel lok meta kkonkludiet illi l-appellanti kellu l-intenzjoni, anke jekk wahda generika li jikkawza hsara fil-gisem tal-parti civili, u dan peress illi mil-provi prodotti, **<u>minn imkien ma rrizulta illi l-appellanti kellu dik l-intenzjoni.</u>**

Illi kif ben tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti, huwa minnu illi l-element formali rikjest biex jissistuxxi r-reat ta' offiza volontarja, huwa l-intenzjoni, anke dik generika li tikkawza hsara, anke jekk tkun ta' portata zghira, u cioe sempliciment *'the intent to cause harm',* **<u>pero tali element xorta jrid jirrizulta mill-assjem tal-provi illi l-Qorti jkollha quddiemha. Fl-assenza ta' l-element formali ma jistax ikun hemm responsabbilta' penali.</u>** L-att materjali jrid ikun xorta sar bir-**rieda** u bil-**volonta'**, sabiex tinstab htija kriminali. Fi kliem iehor, il-fatt illi l-ligi taghna f' dan ir-rigward dejjem giet interpretata fis-sens illi titlob biss prova ta' intenzjoni generika, ma jfissirx illi kwalunkwe azzjoni li tkun, la darba tikkawza hsara, hija awtomatikament prova ta' intenzjoni generika li tikkawza hsara. Hemm bzonn ta' provi li jsostnu dan. Illi konsegwentement sabiex jissustixxi dan ir-reat, irid jigi pruvat mhux biss l-a*ctus reus* u cioe l-fatt li gew ikkawzati *danni* fuq il-persuna, per konsegwenza ta' l-agir tal-persuna akkuzata, izda hemm bzonn li ssir il-prova illi l-akkuzat kellul-intenzjoni, anke jekk ta' natura generika illi JWEGGA', anke jekk b' mod hafif.

Illi sabiex wiehed jiddetermina dan, anke skond il-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna f'dan ir-rigward, wiehed irid bilors jezamina bir-reqqa dak li rrizulta mill-provi, senjatament f' dak li jirrigwardja **<u>n-natura u l-kwalita ta' l-ghemil</u>** tal-persuna li wassal biex jikkawza l-hsara. Illi f' dan ir-rigward, l-ghemil ta' l-appellant kien sempliciment daqqa ta' harta. Illi filfatt rrizulta car illi *hsara* illi sofra Micallef, lanqas kienet konsegwenza diretta ta' l-agir

ta' l-appellant, illi kif iddeskrivew ix-xhieda okulari, senjatament Emanuel Portelli u David Pace, dan TILEF IL-BLANC, WAQA U HABAT RASU.

Illi kif jirrizlta car mid-depozizzjoni tat-tabib Dott. Mario Scerri, Micallef wegga u garrab griehi gravi, peress illi fi kliem il-Qorti stess, soffra *lezjoni gravi.* Illi din il-lezjoni ma kenitx il-konsegwenza diretta ta' l-agir ta' l-imputat, izda konsegwenza tal-waqa' u tal-fatt illi habat rasu; ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta sabet lill-appellant hati li kkawza feriti ta' natura gravi fuq Micallef. Illi ghalhekk fi kliem iehor, huwa neccessarju, sabiex ikun hemm sejbien ta'htija, li jkun hemm proporzjalita' bejn l-agir tal-persuna akkuzata u l-*hsara* illi tkun garrbet il-vittma.

Fil-kaz odjern, jirrizulta ampjament, kemm mid-depozizzjoni ta' l-istess appellanti, u kif ukoll minn l-istess stqarrija tieghu, rilaxxata a *tempo vergine*, illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni, anqas wahda remota, li jwegga' lil Micallef. Anke x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni stess, b'ebda mod ma indikaw illi l-appellanti kellu l-intenzjoni illi jwegga' lil Micallef. Per ezempju hadd minnhom ma qal illi sema' xi kliem ta' theddid waqt id-diverbju verbali ta' bejniethom. Anzi mill-mod kif ix-xhieda spjegaw l-incident, jidher illi kollox gara xi ftit sekondi, fis-sahna tal-mument. Filfatt irrizulta car mill-istess xhieda ukoll illi l-istess parti civile kien intervejna, u dan minghajr ebda raguni, bejn l-appellanti u persuna ohra, waqt semplici argument verbali bejniethom fuq ix-xoghol.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Darren Attard</u>**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Settembru 2000, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell spjegat fil-qosor x'inhu ntiz bl-element formali jew *mens rea*

> Frankament din il-Qorti ma tara jew tirravviza ebda spropositu legali f'din is-sentenza ta' l-ewwel qorti. Jekk

bil-kliem "mens rea" wiehed jifhem – kif necessarjament wiehed ghandu jifhem fil-kuntest tad-dritt penali taghna – l-element formali jew soggettiv tar-reat, l-ewwel qorti kienet semplicement qed tghid l-ovvju, u cioe` li fl-assenza ta' l-element formali ma jkunx hemm responsabbilta penali.

L-Onorabbli Qorti ta'l-Appell spjegat u kkristalizzat il-punt ta' l-importanza ta' l-element intenzjonali, f'kawza fl-ismijiet Il-Puliizja vs Doreen Zammit, deciza fil-15 ta' Gunju, 2001. Il-Qorti filfatt rreteniet illi '*wiehed huwa tenut **dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel**. Minn dawn il-fatti jemergi l-element formali ta' dan ir-reat addebitat lill-appellanti. Dan ukoll kien parti mill-apprezzament tal-provi fl-assjem taghhom li sar mill-ewwel Qorti w li din il-Qorti ma ssib ebda skorrettezza fih…'*

Dan ifisser illi la darba mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta car u manifest illi l-imputat ma kellux l-intenzjoni, anqas generika, illi jwettaq ir-reat in dezamina, ossia li jikkawza hsara, anke zghira fuq il-persuna tal-parti leza, allura jsegwi illi huwa qatt ma seta ragonevolment u legalment jinstab hati.

Illi Qorti tista ssib htija biss **a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u cioe f' dan il-kaz illi tistabilixxi l-intenzjoni generika tieghu sabiex jikkawza hsara. Illi bir-rispett kollu, l-Qorti ma tistax tassumi, u tikkonludi *di sua sponte*** illi la darba l-appellant ta daqqa ta' harta lil Micallef, allura dan necessarjament kellu l-intenzjoni illi jikkawza hsara. Jigi umilment sottomess illi kieku l-appellant vera kellu l-intenzjoni, illi jikkawza anke hsara zghira lil Micallef, certament illi mhux sempliciment daqqa bil-harta kien itih, specjalment meta wiehed jikkonsidra l-ambjent li kienu jahdmu fih l-appellanti u l-parti civile, u cioe fl-impjant ta' Polidano, li huwa mimli

hadid u oggetti simili. Inoltre jigi umilment sottomess illi filwaqt illi l-Qorti tat l-importanza misthoqqa d-depozizzjoni ta' kull xhieda, tant li anke ticcita parti minn dak li huma xehdu quddiemha, (allavolja dak li qalu ma jitfa' ebda dawl fuq l-intenzjoni ta'l-appellant,) hija ghamlet biss referenza vaga ghal dak li xehed l-appellant, filwaqt li anqas biss semmiet dak li huwa stqarr fl-istqarrija tieghu lil Pulizija-fejn huwa b'mod kategoriku qalilhom li qatt ma kienet l-intenzjoni tieghu li jwegga' lil hadd. Jinghad ukoll, illi anke l-Pulizija kellhom id-dubju taghhom dwar dan il-kaz, tant illi l-appellant gie nterrogat u ssusegwentement arrestat, granet wara illi kien sehh l-allegat incident.

Illi fl-umli fehma ta'l-appellant, jidher car, u dan meta wiehed jistudja bir-reqqa anke dak li xehdu x-xhieda okulari a rigward ta' l-**agir** ta' l-appellant, a kuntrarju ta' dak li enuncjat l-Ewwel Qorti, l-appellant mhux iwegga lil Micallef ried, izda sempliciment irazznu u jwaqqfu milli jkompli jghajjru egoist-ghalxejn *del resto*-stante illi kif diga gie sottomess, l-appellanti dak il-hin ta' l-incident kellu argument verbali zghir ma' kollega iehor tieghu, fejn Vincenzo Micallef ma kellu x' jaqsam xejn.

In konkluzzjoni, huwa rilevanti wkoll dak li jissotometti l-Profs Mamo, a rigward ta' kif Qorti ghandha tevalwa l-agir tal-persuna akkuzata, meta dan jikkawza griehi fuq il-vittma:

> The principle is that in the crime of bodily harm, a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued.
>
> Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, **HAVING REGARD TO THE MEANS USED BY THE OFFENDER AND HIS**

**MODE OF ACTION one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. SHOULD THERE STILL REMAIN A DOUBT AS TO THE GRAVITY OF THE RESULT AIMED AT BY THE OFFENDER, THE PRINCIPLE WILL NATURALLY APPLY- *IN DUBIO PRO REO'*.**

**B. <u>Piena Eccessiva</u>**

Inoltre, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, filwaqt illi wiehed jaqbel illi dan ma kienx kaz ta'legittima difeza, huwa ovvju li dan jinkwadra f'kaz ta'provokazzjoni.

Illi ghalhekk, bir-rispett kollu, **ssusidjarjament u dejjem minghajr preegudizzju ghal l-aggravji tieghu,** l-appellant jissottometti illi ghalhekk l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, kienet wahda eccessiva, specjalment meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi **<u>KOLLHA</u>** tal-kaz, u senjatament il-fatt illi, anke jekk wiehed jikkoncedi illi l-appellant kellu l-intenzjoni illi jwegga lil Micallef, kif ben tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti, l-appellant qatt ma seta' jipprevjeni l-konsegwenzi ta'l-agir tieghu.

Inoltre, fl-umli fehma ta' l-appellant, huwa jikkontendi wkoll li dan kien kaz ta' provokazzjoni, liema fatt kellu wkoll iservi ta' attenwant f' dik li hija piena, u dan ghaliex, kif diga gie sottomess, kien il-parti civili stess illi ndahal f'argument bejn zewg persuni, liema argument lanqas biss kien jirrigwardja lilu. L-istess Micallef, mhux talli ndahal fejn ma jesghux, talli beda jghajjar lill-appellant egoist quddiem il-kollegi l-ohra tieghu.

Illi f'dan l-istadju tajjeb illi wiehed ihares lejn x'jikkostitwixxi l-element ta' provokazzjoni, sabiex isarraf bhala attenwant. Illi ta relevanza huwa dak li

jissottometti l-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni mal-attenwanti generali tal-provokazzjoni, li jghid hekk:

> la situazione psicologica di cui trattasi deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; **basta che sia ingiusto dal punto di vista morale**. Percio' l' attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.). **Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto** (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).

Illi ghalhekk certament li, a kuntrarju ta' dak enuncjat minn l-Ewwel Qorti, l-agir ta' l-appellant kien wiehed konsegwenza ta' provokazzjoni kif titlob il-ligi. **Dan peress illi ma hemmx ghalfejn illi l-agir tal-vittma jkun *gravi tant*, kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, izda hu bizejjed illi l-agir tal-*vittma* jkun jwassal biex igib fi bniedem ta' temperament normali, f'dawk ic-cirkostanzi partikolari, reazzjoni u titlef il-kontroll u b' hekk tonqos milli tikkontrolla l-agir taghha.**

Illi f' dan l-istadju l-appellant jirrileva ukoll, illi *ogni caso,* il-piena moghtija lilu hija wahda sproporzjonata fic-cirkostanzi. Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu <u>recidivi</u>, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **<u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>**, <u>deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008)</u> il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi

**akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation.*

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**... **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, <u>**Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**</u>, <u>deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008,</u> il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Kif ripetutament inqtal mill-Qrati Maltin, l-ghan ewlieni tal-piena hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta

tara l-piena inflitta fil-kaz odjern jidher illi ma nholqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti interament imsejjes fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kien hemm fl-atti u dan billi jidhirlu illi l-Ewwel Qorti kellha tghaddi ghal liberatorja mill-unika akkuza dwar l-offiza gravi fuq il-persuna ta' Vincent Micallef li dwarha huwa gie misjub hati, billi fil-fehma tieghu, kienet nieqsa l-intenzjoni, anke wahda generika, li huwa jaghmel hsara lill-parti leza u li l-ferita li irrizultat ma kenitx b'konsegwenza tal-agir ta'l-appellanti fil-konfront tal-vittma. Jilmenta ukoll mill-fatt illi anke jekk ghall-Ewwel Qorti kellha tirrizulta ir-reita', madanakollu kellha tigi applikata l-iskuzanti tal-provokazzjoni billi huwa wiegeb ghall-agir provokattiv tal-kollega tieghu fuq il-post tax-xoghol u dan meta dan ta'l-ahhar ghogbu jindahal f'argument li kellu mal-foreman u beda jinsulentah. Ma dan l-aggravvju sussidjarju l-appellanti jorbot aggravvju iehor dwar il-piena li f'dawn ic-cirkostanzi fejn huwa kien gie ipprovokat, fil-fehma tieghu, kienet wahda eccessiva.

Ikkunsidrat,

Illi jibda biex jinghad illi gie mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, illi qorti ta' revizjoni qajla ghandha tqanqal l-apprezzament li ikun gie maghmul mill-Ewwel Qorti hlief meta jirrizultalha illi tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament. Illi huwa biss f'dawn ic-cirkostanzi illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturba tali apprezzament. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

---

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

Issa l-appellanti isejjes dina il-lanjanza dwar l-apprezzament zbaljat maghmul mill-Ewwel Qorti meta din giet biex tqies l-elementi intenzjonali ta' dan ir-reat, fuq premessi legali zbaljati. L-appellanti jishaq illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jikkaguna ebda forma ta' hsara lill-parti leza billi kull ma ghamel kien li xejjirlu daqqa ta' harta u dan sabiex irazzan l-imgieba ingurjuza ta'l-istess fil-konfront tieghu. Certament li ma kienx qed jipprevedi l-event dannuz li ikkonsegwa u cioe' li l-vittma spicca tilef il-bilanc, waqa' lura ma'l-art u wegga rasu biex b'hekk spicca sofra griehi gravi. Illi jibda' biex jinghad illi l-appellanti qatt ma jista' jargumenta illi l-agir tieghu ma kienx isarraf f'wiehed li jikkaguna hsara billi huwa indubitat illi meta wiehed ixejjer daqqa ta' harta fil-konfront ta' persuna ohra xi hsara necessarjament tigi ikkagjonata. Mela allura meta fil-mument illi l-appellanti ireagixxa ghal kliem ingurjuz li indirizza fil-konfront tieghu Micallef bil-vjolenza huwa certament seta jipprevedi illi tali agir kien ser jikkawza xi forma ta' hsara anke jekk minima. Issa f'dan l-aggravvju minnu intentat l-appellanti donnu qieghed jinvoka a favur tieghu l-kuncett legali ta' dak li fid-dritt penali taljan jissejjah bhala "dolo preterintenzionale"[2], figura guridika izda li ma tikkonfigurax fid-dritt penali taghna, hlief forsi fil-kaz tal-offiza gravi sewgieta bil-mewt biss izda meta din isehh minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza u ukoll minhabba xi kawza accidentali li tinqala wara[3]. Il-ligi taghna izda ma tikkontemplax is-sitwazzjoni fejn l-awtur ta' reat li ikollu l-intenzjoni jikkaguna offiza hafifa jispicca jikkawza offiza gravi jew gravissima. Dan ghaliex kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata l-intenzjoni li wiehed jikkaguna hsara hija wahda generika bl-awtur tar-reat iwiegeb ghal hsara kollha konsegwenzjali li tista' tohrog mill-agir tieghu u allura meta jigi ippruvat illi l-awtur kellu intenzjoni jikkaguna xi forma ta' hsara zghira kemm hi zghira, huwa xortawahda irid iwiegeb ghad-danni kollha, anke jekk gravi, li jikkonsegwu minn dak l-agir. Fuq kollox kif ighid l-awtur Anolisei:

---

[2] Articolo 43 Codice Penale: è preterintenzionale, o oltre l'intenzione, quando dall'azione od omissione deriva un evento dannoso o pericoloso più grave di quello voluto dall'agente

[3] Ara artikolu 220 tal-Kodici Kriminali

***"il dolo sussiste tutte le volte che il reo ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregudizio all'integrira personale del paziente ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo."***

Issa minn ezami li ghamlet mill-gdid ta'l-atti din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, tqies illi l-appellanti certament seta' jipprevedi illi r-reazzjoni sproporzjonata u vjolenti li kellu fil-konfront tal-parti leza kienet ser tikkawza xi hsara billi certament ma jistax jikkonvinci lil din il-Qorti meta ighid illi meta huwa xejjer daqqa ta' harta, u cioe' ikkometta azzjoni li minnha innifisha issarraf fi vjolenza, huwa la ried u lanqas seta jipprevedi xi event dannuz. Illi anke ix-xhieda moghtija mill-appellanti quddiem il-Qorti hija evidenza ta' din l-intenzjoni meta jishaq illi meta l-parti leza indahal fl-argument li huwa kellu mal-*foreman* u ghajjru egoist ghal iktar minn darba, huwa wiegbu biex ma jindhalax u ighid hekk:

***"Argumentajna hu.."***

***"Argumentajna fl-ilsien ukoll ..."***

***"Jien dehrli li resaq lejja .... Biex jikkonfrontani u jien mad-daqqa b'idejja tajtu daqqa ... daqqa ta' harta go wiccu..."***

Illi dan jindika l-intenzjoni ta'l-appellanti li jwiegeb bi vjolenza f'argument li kellu ma' Micallef u allura ma jistax jitwemmen meta ighid li ma riedx iwegga' lil siehbu jew ghal ta'l-anqas li ma setax jipprevedi li bl-agir tieghu seta' jikkaguna hsara. Allura l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, liema konkluzjonijiet din il-Qorti tikkondividi pjenament. Kwindi dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat,.

Illi l-appellanti sussidjarajament, u fil-fehma ta' din il-Qorti b'mod kontradittorju ghall-ewwel aggravvju, jishaq illi semmai kellu jirrizulta f'dan il-kaz l-iskuzanti tal-provokazzjoni ikkontemplat fl-artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali. Fost ir-rekwiziti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "**illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt**." Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-

kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

"**Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "*la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto*" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).**"

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dina l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Issa hawnhekk ukoll il-Qorti ma tqiesx illi bniedem ta' temperament ordinarju kellu ikollu reazzjoni vjolenti meta jigi mghajjar "egoist", kif jallega l-appellanti tant illi dan kellu jirreagixxi b'mod fiziku f'argument verbali u dan meta xejjer daqqa ta' harta f'wicc il-parti leza biex b'hekk wiegeb bil-vjolenza u ecceda il-limiti tal-imgieba xierqa. Illi ghalhekk lanqas dan l-aggravvju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Illi dwar l-ahhar aggravvju ivventilat li jikkoncerna in-natura tal-piena inflitta fuq l-appellanti, anke hawnhekk din il-Qorti tqies illi l-appellanti ma ghandux ragun. Ibda biex il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti taqa' sewwa fil-parametri dettati bil-ligi meta hija ghaddiet biex erogat fl-ewwel lok piena

alternattiva ghal dik tal-prigunerija u f'perijodu ta' zmien li iqarreb hafna lejn il-minimu. Illi allura ma jidhirx illi l-piena kienet xi wahda eccessiva jew manifestament ingusta izda kienet wahda piuttost miti.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur